

Brussell, 17 ta' Mejju 2019  
(OR. en)

9433/19

STAT 12  
FIN 362

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

|                   |  |
|-------------------|--|
| minn:             | Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea,<br>iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur  |
| data meta waslet: | 8 ta' Mejju 2019   |
| lil:              | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea  |
| Nru dok. Cion:    | COM(2019) 217 final  |
| Suġġett:          | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2017 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift) |

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 217 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 217 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.5.2019  
COM(2019) 217 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT  
EWROPEW**

**dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2017 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)**

# RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar l-użu li sar mill-istituzzjonijiet fl-2017 tar-Regolamenti tal-Kunsill Nru 495/77, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1945/2006 (dwar ix-xogħol standby), Nru 858/2004 (dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli), u Nru 300/76, kif emendat l-aħħar mir-Regolament Nru 1873/2006 (dwar is-servizz kontinwu jew bix-xift)**

## 1. INTRODUZZJONI

Ir-Regolamenti tal-Kunsill dwar ix-xogħol standby (Nru 495/77) u dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli (Nru 858/2004) jobbligaw lill-Kummissjoni tippreżenta, kull sena, rapport lill-Kunsill dwar l-għadd ta' uffiċjali u aġenti oħrajn f'kull kategorija li jirċievu l-benefiċċji msemmija fir-regolamenti kkonċernati kif ukoll dwar in-nefqa totali relatata magħhom.

Dan ir-rapport huwa bbażat fuq l-aħħar ċifri annwali kompluti li kienu disponibbli fi żmien it-tnejn tiegħu u għalhekk jirreferi għas-sena 2017. Huwa jkopri l-istituzzjonijiet kollha u jinkludi wkoll, għall-finijiet ta' kompletezza, informazzjoni simili dwar l-użu tas-servizz kontinwu jew bix-xift (ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76).

## 2. BENEFIĊĊJU GĦAX-XOGĦOL STANDBY

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikoli 55 u 56B tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 495/77 tat-8 ta' Marzu 1977, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1945/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*appropriazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-*appropriazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni ta' installazzjonijiet tekniċi,
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'dipartiment tat-teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK)/politika ewropea ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet, jew
- fil-qafas ta' arranġament maħluq biex jipprovdi l-għajnuna lill-Istati Membri 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa ("SM 24/7") fil-kuntest tal-koordinazzjoni f'każ urġenti jew ta' kriżi jew servizzi li fihom teżisti n-neċessità li jwettqu kompiti sabiex jiġi żgurat mekkaniżmu li jipprovdi assistenza lill-Istati Membri.

Il-benefiċċju għax-xogħol standby huwa espress permezz ta' punti. L-għadd ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol standby effettivament maħduma huwa stabbilit kif ġej:

- xogħol standby mid-dar, f'jum tax-xogħol: 2,15 punti;
- xogħol standby fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 4,3 punti;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, f'jum tax-xogħol: 11-il punt;
- xogħol standby fuq il-post tax-xogħol, fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: 22 punt.

Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,92 fl-2017).

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2017.

## 2.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali/aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali)<sup>1</sup> :

| Istituzzjoni                              | AD            | SC - AST      | AC           |           |           |          | Total      |
|---|---------------|---------------|--------------|-----------|-----------|----------|------------|
|   |               |               | FG I         | FG II     | FG III    | FG IV    |            |
| II-Kummissjoni                            | 110,33        | 205,33        | 49,33        | 10        | 16        | 3        | <b>394</b> |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 43            | 88            | 17           | 1         | 2         | 1        | <b>152</b> |
| II-Kunsill                                | 11            | 57            | 3            | 0         | 0         | 0        | <b>71</b>  |
| II-Parlament                              | 0             | 0             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>0</b>   |
| II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 7             | 16            | 1            | 0         | 0         | 0        | <b>24</b>  |
| II-Qorti tal-Awdituri                     | 0             | 0             | 14           | 0         | 0         | 0        | <b>14</b>  |
| KESE                                      | 0             | 2             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>2</b>   |
| KtR                                       | 0             | 0             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>0</b>   |
| KEPD                                      | 0             | 0             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>0</b>   |
| L-Ombudsman                               | 0             | 0             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>0</b>   |
| SEAE                                      | 6             | 9             | 0            | 0         | 0         | 0        | <b>15</b>  |
| <b>Total</b>                              | <b>134,33</b> | <b>292,33</b> | <b>67,33</b> | <b>10</b> | <b>17</b> | <b>3</b> | <b>524</b> |

## 2.2. Għadd ta' benefiċjarji għal kull tip ta' xogħol standby:

| Istituzzjoni                              | Xogħol mid-dar | Xogħol mid-dar u fuq il-post tax-xogħol | Fuq il-post tax-xogħol | Total      |
|---|----------------|---|------------------------|------------|
| II-Kummissjoni                            | 379            | 0                                       | 15                     | <b>394</b> |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 138            | 0                                       | 14                     | <b>152</b> |
| II-Kunsill                                | 71             | 0                                       | 0                      | <b>71</b>  |
| II-Parlament                              | 0              | 0                                       | 0                      | <b>0</b>   |
| II-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 24             | 0                                       | 0                      | <b>24</b>  |
| II-Qorti tal-Awdituri                     | 14             | 0                                       | 0                      | <b>14</b>  |
| KESE                                      | 2              | 0                                       | 0                      | <b>2</b>   |
| KtR                                       | 4              | 0                                       | 0                      | <b>4</b>   |
| KEPD                                      | 0              | 0                                       | 0                      | <b>0</b>   |

<sup>1</sup> FI-OLAF, is-servizz standby huwa assigurat 24 siegħa kuljum u sebat ijiem fil-ġimgħa minn 0,33 AD / 0,33 SC-AST / 0,33 FGI (total = benefiċjarju wieħed) tat-tim ta' permanenza għas-sigurtà.

|              |            |          |           |            |
|--------------|------------|----------|-----------|------------|
| L-Ombudsman  | 0          | 0        | 0         | 0          |
| SEAE         | 15         | 0        | 0         | 15         |
| <b>Total</b> | <b>509</b> | <b>0</b> | <b>15</b> | <b>524</b> |

### 2.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont l-impjieg

| Istituzzjoni                              | JRC        | Azzjonijiet indiretti | Installazzjonijiet tekniċi | Sigurtà   | ICT        | PESK/P SDK | SM 24/7   | Total      |
|---|------------|-----------------------|----------------------------|-----------|------------|------------|-----------|------------|
| Il-Kummissjoni                            | 152        | 3                     | 72                         | 39        | 83         | 0          | 45        | 394        |
| <i>- li minnhom tal-JRC:</i>              | 152        | 0                     | 0                          | 0         | 0          | 0          | 0         | 152        |
| Il-Kunsill                                | 0          | 0                     | 0                          | 19        | 45         | 7          | 0         | 71         |
| Il-Parlament                              | 0          | 0                     | 0                          | 0         | 0          | 0          | 0         | 0          |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0          | 0                     | 14                         | 10        | 0          | 0          | 0         | 24         |
| Il-Qorti tal-Awdituri                     | 0          | 0                     | 0                          | 14        | 0          | 0          | 0         | 14         |
| KESE                                      | 0          | 0                     | 0                          | 2         | 0          | 0          | 0         | 2          |
| KtR                                       | 0          | 0                     | 0                          | 4         | 0          | 0          | 0         | 4          |
| KEPD                                      | 0          | 0                     | 0                          | 0         | 0          | 0          | 0         | 0          |
| L-Ombudsman                               | 0          | 0                     | 0                          | 0         | 0          | 0          | 0         | 0          |
| SEAE                                      | 0          | 0                     | 0                          | 3         | 9          | 3          | 0         | 15         |
| <b>Total</b>                              | <b>152</b> | <b>3</b>              | <b>86</b>                  | <b>91</b> | <b>137</b> | <b>10</b>  | <b>45</b> | <b>524</b> |

### 3. BENEFIĊĊJU LI JINGĦATA MINĦABBA KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL PARTIKOLARMENT DIFFIĊLI

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56C tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 858/2004 tad-29 ta' April 2004, li ħa post ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1799/72.

Il-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli hu espress permezz ta' punti mogħtija għal kull siegħa ta' xogħol effettivament maħduma u jiddependi minn diversi kundizzjonijiet partikolari tax-xogħol li għandhom x'jaqsmu mal-“protezzjoni tal-individwu”, il-“post tax-xogħol” u n-“natura tax-xogħol”. L-għadd ta' punti jvarja bejn 2 punti, pereżempju għal-livell medju ta' ħoss li jeċċedi l-85 decibel, u l-limitu massimu ta' 50 punt fil-każ ta' uffiċjal li jrid jilbes ilbies protettiv għal kontra n-nar b'apparat awtorespiratorju. Kull punt jiswa daqs 0,032 % tal-paga bażika ta' uffiċjal fil-grad 1, fl-ewwel skala (jiġifieri EUR 0,92 fl-2017).

#### 3.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali):

| Istituzzjoni                              | AD | SC - AST | Aġenti Kuntrattwali |       |        |       | Total |
|---|----|----------|---------------------|-------|--------|-------|-------|
|   |    |          | FG I                | FG II | FG III | FG IV |       |
| Il-Kummissjoni                            | 33 | 155      | 25                  | 1     | 0      | 8     | 222   |
| <i>- li minnhom tal-JRC:</i>              | 33 | 149      | 16                  | 1     | 0      | 8     | 207   |
| Il-Kunsill                                | 0  | 0        | 0                   | 0     | 0      | 0     | 0     |
| Il-Parlament                              | 0  | 0        | 0                   | 0     | 0      | 0     | 0     |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0  | 0        | 0                   | 0     | 0      | 0     | 0     |

|                       |           |            |           |          |          |          |            |
|-----------------------|-----------|------------|-----------|----------|----------|----------|------------|
| Il-Qorti tal-Awdituri | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| KESE                  | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| KtR                   | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| KEPD                  | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| L-Ombudsman           | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| SEAE                  | 0         | 0          | 0         | 0        | 0        | 0        | 0          |
| <b>Total</b>          | <b>33</b> | <b>155</b> | <b>25</b> | <b>1</b> | <b>0</b> | <b>8</b> | <b>222</b> |

#### 4. BENEFIĊĊJU GĦAS-SERVIZZ KONTINWU JEW BIX-XIFT

Il-bażijiet ġuridiċi għal dan il-benefiċċju huma l-Artikolu 56A tar-Regolamenti tal-Persunal kif ukoll ir-Regolament tal-Kunsill Nru 300/76 tad-9 ta' Frar 1976, kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill Nru 1873/2006 tal-11 ta' Diċembru 2006.

Il-ħlas tal-benefiċċju huwa limitat għal uffiċjali u għal aġenti oħra mħallsa mill-*appropriazzjonijiet għar-riċerka* u impjegati:

- fi stabbiliment taċ-Ċentru Konġunt għar-Riċerka (JRC), jew
- f'azzjonijiet indiretti, jew

imħallsa mill-*appropriazzjonijiet amministrattivi* u impjegati:

- f'dipartiment tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT),
- f'dipartiment tas-sigurtà,
- f'servizz ta' swiċċbord tat-telefon/ta' informazzjoni jew f'uffiċċju ta' akkoljenza,
- f'dipartiment li jipprovdi sostenn għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) / Politika Ewropea ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK) jew għall-arranġamenti ta' koordinazzjoni f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew fi kriżijiet,
- servizz li jipprovdi appoġġ fil-kuntest ta' koordinazzjoni f'każ ta' emerġenza jew kriżi jew
- fit-tmexxija jew fis-superviżjoni tal-installazzjonijiet tekniċi.

Iċ-ċifri li ġejjin jindikaw l-għadd ta' benefiċċji mogħtija minn kull istituzzjoni għas-sena 2017.

#### 4.1. L-għadd ta' benefiċjarji (uffiċjali / aġenti temporanji u aġenti kuntrattwali):

| Istituzzjoni                              | AD       | SC - AST   | AC         |           |           |          | Total      |
|---|----------|------------|------------|-----------|-----------|----------|------------|
|   |          |            | FG I       | FG II     | FG III    | FG IV    |            |
| Il-Kummissjoni                            | 2        | 75         | 18         | 10        | 8         | 1        | 114        |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 0        | 22         | 6          | 0         | 0         | 1        | 29         |
| Il-Kunsill                                | 0        | 76         | 0          | 9         | 0         | 0        | 85         |
| Il-Parlament                              | 1        | 45         | 516        | 10        | 7         | 2        | 581        |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0        | 0          | 0          | 0         | 0         | 0        | 0          |
| Il-Qorti tal-Awdituri                     | 0        | 0          | 16         | 0         | 0         | 0        | 16         |
| KESE                                      | 0        | 2          | 0          | 0         | 0         | 0        | 2          |
| KtR                                       | 0        | 3          | 0          | 0         | 1         | 0        | 4          |
| KEPD                                      | 0        | 0          | 0          | 0         | 0         | 0        | 0          |
| L-Ombudsman                               | 0        | 0          | 0          | 0         | 0         | 0        | 0          |
| SEAE                                      | 0        | 37         | 0          | 1         | 0         | 0        | 38         |
| <b>Total</b>                              | <b>3</b> | <b>238</b> | <b>550</b> | <b>30</b> | <b>16</b> | <b>3</b> | <b>840</b> |

Hemm erba' rati differenti previsti għall-benefiċċju ta' kull xahar (ċifri abbażi tas-sena 2017):

- l-ewwel rata: servizz b'żewġ xiftijiet, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u fil-jiem ta' btala: EUR 413,61;
- it-tieni rata: servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż matul il-lejl, fi tmiem il-ġimgħa u fil-jiem ta' btala: EUR 624,28;
- it-tielet rata: 24 siegħa kuljum, minbarra fi tmiem il-ġimgħa u l-jiem ta' btala: EUR 682,57;
- ir-raba' rata: 24 siegħa kuljum, sebat (7) ijiem fil-ġimgħa: EUR 930,56.

#### 4.2. L-għadd ta' benefiċjarji għal kull rata:

| Istituzzjoni                              | L-ewwel rata | It-tieni rata | It-tielet rata | Ir-raba' rata | Total      |
|---|--------------|---------------|----------------|---------------|------------|
|   | EUR 413,61   | EUR 624,28    | EUR 682,57     | EUR 930,56    |            |
| Il-Kummissjoni                            | 23           | 0             | 8              | 83            | 114        |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 0            | 0             | 8              | 21            | 29         |
| Il-Kunsill                                | 32           | 0             | 0              | 53            | 85         |
| Il-Parlament                              | 307          | 205           | 0              | 69            | 581        |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0            | 0             | 0              | 0             | 0          |
| Il-Qorti tal-Awdituri                     | 2            | 0             | 0              | 14            | 16         |
| KESE                                      | 2            | 0             | 0              | 0             | 2          |
| KtR                                       | 4            | 0             | 0              | 0             | 4          |
| KEPD                                      | 0            | 0             | 0              | 0             | 0          |
| L-Ombudsman                               | 0            | 0             | 0              | 0             | 0          |
| SEAE                                      | 27           | 0             | 0              | 11            | 38         |
| <b>Total</b>                              | <b>397</b>   | <b>205</b>    | <b>8</b>       | <b>230</b>    | <b>840</b> |

#### 4.3. L-għadd ta' benefiċjarji skont it-tip ta' impjeg:

| Istituzzjoni                              | JRC | Koord. Kriżi/emerġenza | ICT | Sigurtà | Telef./akkoljenza | PESK/PSDK | Installażzjoni teknika. | Azzjoniji et Ind. | Total |
|---|-----|------------------------|-----|---------|-------------------|-----------|-------------------------|-------------------|-------|
| Il-Kummissjoni                            | 29  | 8                      | 22  | 54      | 0                 | 0         | 1                       | 0                 | 114   |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 29  | 0                      | 0   | 0       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 29    |
| Il-Kunsill                                | 0   | 0                      | 0   | 85      | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 85    |
| Il-Parlament                              | 0   | 0                      | 0   | 417     | 164               | 0         | 0                       | 0                 | 581   |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0   | 0                      | 0   | 0       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 0     |
| Il-Qorti tal-Awdituri                     | 0   | 0                      | 0   | 13      | 3                 | 0         | 0                       | 0                 | 16    |
| KESE                                      | 0   | 0                      | 0   | 2       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 2     |
| KtR                                       | 0   | 0                      | 0   | 4       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 4     |
| KEPD                                      | 0   | 0                      | 0   | 0       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 0     |
| L-Ombudsman                               | 0   | 0                      | 0   | 0       | 0                 | 0         | 0                       | 0                 | 0     |
| SEAE                                      | 0   | 0                      | 11  | 16      | 0                 | 11        | 0                       | 0                 | 38    |

|              |           |          |           |            |            |           |          |          |            |
|--------------|-----------|----------|-----------|------------|------------|-----------|----------|----------|------------|
| <b>Total</b> | <b>29</b> | <b>8</b> | <b>33</b> | <b>591</b> | <b>167</b> | <b>11</b> | <b>1</b> | <b>0</b> | <b>840</b> |
|--------------|-----------|----------|-----------|------------|------------|-----------|----------|----------|------------|

## 5. IS-SERVIZZI KKONĊERNATI U R-RAĠUNIJIET

Il-Kunsill, il-Kummissjoni, is-SEAE, il-Parlament Ewropew, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u l-Qorti tal-Awdituri jirrikorru għall-użu tax-xogħol standby u għas-servizz kontinwu jew għax-xift u jipproċedu għall-ħlas ta' beneficiċji previsti mil-liġi.

Mill-2017, il-Kumitat tar-Reġjuni u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali waqqfu servizz konġunt ta' xogħol standby u xogħol kontinwu jew bix-xift.

Il-Kummissjoni tibqa' l-unika istituzzjoni li tħallas il-benefiċċji minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli fil-JRC u fl-Uffiċċju għall-infrastruttura u l-loġistika fi Brussell (OIB).

### 5.1. Ir-raġunijiet għall-użu tax-xogħol standby

#### *Il-Kummissjoni:*

Fl-2017, il-Kummissjoni ħallset il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 394 membru tal-persunal tagħha (350 fl-2016). Madwar 40% (152) huma assenjati f'wieħed miċ-ċentri ta' riċerka. Ir-raġunijiet għax-xogħol standby jibqgħu - bħal fis-snin preċedenti – ġeneralment relatati mas-sigurtà u l-protezzjoni (servizz tat-tifi tan-nar, superviżjoni tar-radjazzjoni, protezzjoni mir-radjazzjoni, eċċ.). Fil-biċċa l-kbira tal-każijiet fil-JRC ix-xogħol standby isir mid-dar, bl-eċċezzjoni ta' Ispra u ta' Karlsruhe fejn is-servizzi jistgħu jitwettqu jew mid-dar jew minn fuq il-post tax-xogħol minħabba l-ispeċifità tal-kompiti.

Fid-Direttorati Ġenerali l-oħra tal-Kummissjoni, is-sitwazzjoni hija kważi stabbli meta mqabbla mal-2016. Is-servizzi tax-xogħol standby huma b'mod partikolari relatati mas-sigurtà, mal-installazzjonijiet tekniċi u mas-servizzi tal-informatika.. Madankollu wieħed jinnota żieda fl-għadd ta' benefiċjarji biex tiġi koperta l-għajnuna lill-Istati Membri 24/7 (45 fl-2017 għal 32 fl-2016) b'mod partikolari fi ħdan id-DĠ ECHO biex tiġi assicurata sorveljanza ta' inċidenti f'ħin reali u r-rispons immedjat għad-diżastri, f'kull rokna tad-dinja u f'kull ħin.

*Il-Kunsill:* Il-Kunsill ħallas il-benefiċċji għax-xogħol standby lil 71 membru tal-persunal tiegħu (62 fl-2016). Tliet servizzi fis-seħħ biex ikopru l-oqsma li ġejjin: (1) it-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni (ICT), biex jiġu żgurati interventi minħabba l-protezzjoni u l-funzjonament xieraq tan-netwerks tal-kompjuters u tal-komunikazzjoni, (2) is-Sigurtà/Sikurezza biex jirrispondu immedjatament għal kull tip ta' inċident li jista' jaffettwa lill-persunal tas-SĠK kif ukoll l-attivitajiet tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew, u biex iservu bħala appoġġ 24/7 għall-uffiċjali tas-sigurtà fuq missjoni, (3) biex jintervjenu b'mod rapidu fl-abbozzar, il-pubblikazzjoni fuq l-Internet u t-tixrid tad-dikjarazzjonijiet urġenti u urġenti tal-Prezidenza b'rotazzjoni u l-President tal-Kunsill Ewropew fil-kuntest tal-PESK/PSDK. Fl-2017 dan ix-xogħol ta' standby kien jitwettaq biss mid-dar.

**Il-Qorti tal-Awdituri:** L-ippjanar ta' kull xahar tad-dipartiment tas-sigurtà u s-sikurezza stabbilit fl-2011 jinkludi, fl-2017, ix-xogħol ta' standby f'pajjiżek għal 14 membru tal-persunal (10 fl-2016). Huma jassiguraw is-sigurtà tal-bini u tal-okkupanti tiegħu mingħajr waqfien u matul is-sena kollha.

**SEAE:** Fl-2017, is-SEAE ħallas benefiċċji għas-servizzi standby lil 15-il membru tal-persunal tiegħu (16 fl-2016) għal 3 oqsma ta' xogħol: (1) is-servizzi tas-sigurtà, biex jiproteġu l-persunal, il-viżitaturi, il-bini u l-assi fiżiċi tas-SEAE fi Brussell fuq bażi permanenti, informazzjoni klassifikata (Kwartieri Ġenerali u Delegazzjonijiet); (2) appoġġ għall-PESK/PESD għall-monitoraġġ ta' avvenimenti madwar id-dinja 24/7, rispons għal kriżijiet, inċidenti, avvenimenti kritiċi, sitwazzjonijiet speċifiċi jew emerġenzi, jingħata appoġġ lir-Rappreżentant Għoli u l-atturi tal-UE, jiġu ffaċilitati l-laqgħat tal-Pjattaforma ta' Kriżijiet tas-SEAE barra l-ħinijiet normali tax-xogħol; (3) is-servizz tat-teknoloġija tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni permezz COMCEN (Ċentru ta' Komunikazzjoni) li jipprovdi servizzi għall-forniment ta' informazzjoni klassifikata lill-membri tal-persunal kollha tas-SEAE, u jipprovdi wkoll servizzi lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill sabiex jiġi żgurat trattament rapidu ta' informazzjoni klassifikata urġenti.

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea:** Fl-2017, il-Qorti tal-Ġustizzja ħallset benefiċċji għas-servizzi standby lil 24-il membru tal-persunal tagħha. Dan is-servizz ġie stabbilit fid-Direttorat Ġenerali tal-Infrastruttura f'Novembru 2014. Id-Direttorat tal-Bini huwa responsabbli għall-protezzjoni tal-istituzzjoni, il-prevenzjoni tan-nar u s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Huwa jinkludi tliet unitajiet responsabbli għal xogħol ġdid, il-ġestjoni tal-bini u s-sigurtà.

**CdR-CESE :** Ġie stabbilit servizz komuni ta' stand-by fil-KtR u l-KESE mill-1 ta' Marzu 2017 fis-servizz tas-sigurtà sabiex jiġi żgurat li l-persunal tas-sigurtà jkun aċċessibbli u jkun kapaċi jirreaġixxi fi kwalunkwe ħin f'każ ta' inċidenti li jeħtieġu azzjoni meta l-istituzzjoni tkun magħluqa. Fl-2017, is-servizz standby f'pajjiż involva erba' membru tal-persunal tal-KtR u żewġ membru tal-persunal tal-KESE.

## **5.2. Ir-raġunijiet għall-użu tal-benefiċċju li jingħata minħabba kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli**

**Il-Kummissjoni:** Il-Kummissjoni hija l-unika istituzzjoni li għamlet użu minn din il-possibbiltà fl-2017. Fl-2008, l-Uffiċċju għall-Infrastruttura u l-Loġistika fi Brussell (OIB) kien introduċa din il-possibbiltà f'wieħed mis-servizzi tiegħu (is-servizz tar-riproduzzjoni), minbarra ċ-Ċentru Komuni għar-Riċerka li kien qed jużah diġà.

Fl-2017, in-numru totali ta' sigħat li nħadmu f'kundizzjonijiet diffiċli tqassmu kif ġej:

- 63 598,72 siegħa b'rabta mal-protezzjoni tal-individwu (pereżempju, l-użu ta' ħwejjeġ speċjali u skomdi meħtieġa għall-protezzjoni ta' dak li jkun),
- 115 068,21 siegħa b'rabta mal-post tax-xogħol (pereżempju, il-ħsejjes ta' livelli għolja, il-postijiet perikolużi), u
- 12 803,10 siegħa b'rabta man-natura tax-xogħol (pereżempju, il-ġarr ta' sustanzi korrużivi).

### 5.3. Raġunijiet għal servizz kontinwu jew bix-xift

**Il-Kummissjoni:** Fi ħdan il-Kummissjoni, (għal raġunijiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tal-kompiti li jridu jitwettqu), il-JRC u DG HR (id-dipartiment għas-sigurtà u l-prevenzjoni) huma dawk li l-aktar jeħtieġu dan it-tip ta' organizzazzjoni tax-xogħol (29 u 46 persuna rispettivament fl-2017).

Fid-DGs l-oħrajn (baġit operattiv), fl-2017 kien hemm 39 persuna li kienu jaħdmu bix-xift, fit-tipi ta' servizzi li ġejjin:

- Sigurtà u prevenzjoni: 8 (OIL)
- Installazzjonijiet tekniċi: 1 (OP)
- Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT): 22 (DG COMM)
- Assistenza lill-Istati Membri: 8 (DG ECHO)

Ix-xogħol bix-xift fid-DG COMM inħoloq fl-2015 biex jiżgura l-analiżi tal-istampa għall-President, il-Kulleġġ u s-servizz tal-Kelliem.

Is-servizz kontinwu fid-DG ECHO ilu operattiv mill-2013 wara l-ħolqien ta' Ċentru ta' Monitoraġġ u ta' Informazzjoni bil-ħsieb li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jkunu assistiti f'każ ta' diżastri.

L-erba' rati (tipi ta' benefiċċji) huma applikati mill-Kummissjoni, ir-raba' rata (servizz kontinwu) tintuża prinċipalment fis-servizzi ta' sigurtà.

**Il-Kunsill:** Il-Kunsill għandu sistema ta' servizz bix-shift indispensabbli biex tiġi żgurata l-kontinwità tas-servizzi responsabbli għall-prevenzjoni u s-sigurtà tal-bini u l-persuni fiż-żewġ binjiet tal-istituzzjoni.

Fi ħdan id-Direttorat Ġenerali A, twettqet riorganizzazzjoni sabiex tinkiseb l-aħjar effiċjenza tal-persunal fis-seħħ. L-unità ta' Prevenzjoni nqas mad-Direttorat tas-Sigurtà u s-Sikurezza, li kellu bżonn organizzazzjoni kontinwa (ir-raba' rata) matul l-2017 biex iwettaq il-kompiti tiegħu. Bħal qabel, l-unitajiet l-oħra li jiggarrantixxu d-diversi aspetti tas-sigurtà jeħtieġu xogħol bix-xift (primjum 1) u xogħol kontinwu (primjum 4).

Ir-riorganizzazzjoni ta' dawn is-servizzi li jinkludu uffiċjali AST u aġent kuntrattwali, (FGII) ma wasslitx għaż-żieda fl-għadd ta' benefiċċji fl-2017 (85) meta mqabbel mal-2016 (86).

**Il-Parlament Ewropew:** Fl-2017, il-Parlament Ewropew għamel xogħol bix-xift jew kontinwu biex ikopri (1) servizzi ta' sikurezza u sigurtà fi tliet postijiet tax-xogħol: Brussell, Strasburgu u l-Lussemburgu, (2) servizzi relatati mal-akkoljenza, mas-sigurtà u l-kontroll tal-viżitaturi (il-Parlamentarium, id-Dar l-Istorja Ewropea (mill-2017), iċ-Ċentru sportiv (mill-2017)) u l-komunikazzjoni permezz tas-Switchboard li toffri varjetà ta' servizzi f'diversi lingwi, bħat-trasferiment ta' sejħiet deħlin jew heġġin, l-għoti ta' informazzjoni ta' kuntatt (in-numri tat-telefown u tal-faks, il-posta elettronika u l-indirizzi tal-uffiċċju), l-informazzjoni dwar il-laqgħat u l-bini tal-Parlament Ewropew.

It-tip ta' servizz kontinwu jew bix-xift huwa sistema ta' żewġ xiftijiet (l-ewwel rata), servizz b'żewġ xiftijiet, inkluż billejl, tmiem il-gimġha u l-btajjel pubbliċi (it-tieni rata), jew anke servizz bla waqfien ta' 24 siegħa kuljum (ir-raba' rata). In-numru ta' benefiċjarji fl-2017 kien ta' 581 (570 fl-2016).

**Il-Qorti tal-Awdituri:** Il-Qorti tal-Awdituri ilha għandha servizz kontinwu jew bix-xift fl-oqsma tas-sigurtà u s-servizzi telefoniċi/tal-akkoljenza mill-2011. It-tipi ta' xogħol kontinwu jew bix-xift użati huma bbażati fuq sistema ta' żewġ xiftijiet (rata 1) ta' servizz kontinwu ta' 24 siegħa kuljum (rata 4). In-numru ta' benefiċjarji fl-2017 kien ta' 16 (14 fl-2016).

**SEAE:** Fl-2017, is-SEAE ħallas benefiċċji ta' bidla/shift biex jiżgura monitoraġġ, valutazzjoni u twissija bikrija għal avvenimenti jew sitwazzjonijiet politikament sinifikanti ta' kuljum fuq bażi ta' 24/7 u biex jipprovi servizzi ta' komunikazzjoni għal informazzjoni klassifikata lill-persunal kollu tas-SEAE u lir-Rappreżentant Għoli u atturi oħra tal-UE (il-Kummissjoni Ewropea, is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, l-Aġenziji tal-UE, l-Istati Membri tal-UE).

Is-SEAE japplika żewġ tipi ta' allokkazzjoni, prinċipalment ir-rata 1 u r-rata 4. In-numru ta' benefiċjarji baqa' stabbli.

**KtR-KESE :** Is-servizz komuni bix-shift fil-KtR u fil-KESE kien twaqqaf fl-1/3/2017 biex ikopri l-ħtieġa ta' preżenza kontinwa fis-servizz tas-sigurtà. Il-KtR iħallas indennizzi lil 4 benefiċjarji (rata 1), il-KESE lil 2 benefiċjarji (rata 1).

## 6. IN-NEFQA BAĠITARJA, GĦAL KULL ISTITUZZJONI U GĦAL KULL BENEFIĊĊJU (F'EUR)

| Istituzzjoni                              | Servizz kontinwu jew bix-xift | Xogħol standby      | Kundizzjonijiet tax-xogħol partikolarment diffiċli | Total               |
|---|-------------------------------|---------------------|--|---------------------|
| Il-Kummissjoni                            | 1.016.105,21                  | 1.357.562,14        | 622.521,54   | <b>2.996.188,89</b> |
| - li minnhom tal-JRC:                     | 260.638,58                    | 543.164,63          | 595.924,90   | <b>1.399.728,11</b> |
| Il-Kunsill                                | 672.443,72                    | 201.886,92          | 0  | <b>874.330,64</b>   |
| Il-Parlament                              | 3.717.011,75                  | 0                   | 0  | <b>3.717.011,75</b> |
| Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea | 0                             | 60.811,47           | 0  | <b>60.811,47</b>    |
| Il-Qorti tal-Awdituri                     | 149.853,04                    | 14.806,32           | 0  | <b>164.659,36</b>   |
| KESE                                      | 8.223,32                      | 0                   | 0  | <b>8.223,32</b>     |
| KtR                                       | 16.446,64                     | 11.773,65           | 0  | <b>28.220,29</b>    |
| KEPD                                      | 0                             | 0                   | 0  | <b>0</b>            |
| L-Ombudsman                               | 0                             | 0                   | 0  | <b>0</b>            |
| SEAE                                      | 211.538,69                    | 57.982,14           | 0  | <b>269.520,83</b>   |
| <b>Total</b>                              | <b>5.791.622.37</b>           | <b>1.704.822.64</b> | <b>622.521.54</b>                                  | <b>8.118.966.55</b> |

L-ammont imħallas għat-tliet benefiċċji, mill-istituzzjonijiet Ewropej kollha f'daqqa jammonta għal EUR 8.118.966,55 għas-sena 2017 (EUR 7.364.776,86 għas-sena 2016).